REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 628/2008

tat-2 ta' Lulju 2008

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1898/2006 li jistipula regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u tad-denominazzjonijiet ta' l-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-prodotti ta' l-ikel

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 510/2006 ta' l-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet ta' l-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-prodotti ta' l-ikel [*titlu mhux uffiċjali*] ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16 (g) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1898/2006 ([2]), fl-Anness V tiegħu jistabbilixxi l-karatteristiċi tas-simboli Komunitarji li jistgħu jitqiegħdu fuq it-tikketta jew fuq l-imballaġġ tal-prodotti li isimhom ikun ġie rreġistrat bħala indikazzjoni ġeografika protetta jew denominazzjoni protetta ta' l-oriġini.

(2) Dawn is-simboli Komunitarji kkontribwixxew għal żieda fil-valur ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u d-denominazzjonijiet protetti ta' l-oriġini u ppermettew lil konsumaturi jidentifikaw ċerti prodotti li l-karatteristiċi tagħhom huma marbuta ma' l-oriġini.

(3) Bħalissa, is-simboli rilevanti għad-denominazzjonijiet protetti ta' l-oriġini u għall-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti jippreżentaw karatteristiċi komuni f'dak li jirrigwarda l-forma, il-kulur u d-disinn li jsawruhom. Huwa biss il-kliem ġewwa dawn is-simboli li jippermetti lil dak li jkun jiddistingwihom.

(4) Fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba mill-adozzjoni tagħhom u bil-għan li jitrawwem l-użu tagħhom, jidher xieraq li tiġi ffaċilitata d-distinzjoni għall-konsumaturi bejn id-denominazzjoni protetta ta' l-oriġini u l-indikazzjoni ġeografika protetta. F'dawn il-kundizzjonijiet huwa xieraq li jiġu adottati kuluri differenti għas-simboli rilevanti għal dawn iż-żewġ tismijiet.

(5) Bil-għan li jiġi evitat li t-tibdil fil-kuluri tas-simboli Komunitarji jwassal għal żvantaġġ ekonomiku għall-produtturi u l-operaturi kkonċernati, huwa xieraq li jiġi previst perjodu tranżitorju li matulu jkunu jistgħu jintużaw is-simboli Komunitarji konformi mad-dispożizzjonijiet applikabbli minn qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-indikazzjonijiet ġeografiċi u għad-denominazzjonijiet protetti ta' l-oriġini,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness V tar-Regolament (KEE) Nru 1898/2006 hu emendat kif jidher fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Madankollu, l-imballaġġi u t-tikketti , li jinkludu s-simboli Komunitarji konformi ma' l-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 1898/2006 fil-verżjoni applikabbli tiegħu qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jistgħu jintużaw sa l-1 ta' Mejju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 2 ta' Lulju 2008.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 510/2008 (ĠU L 149, 7.6.2008, p. 61).
([2]) ĠU L 369, 23.12.2006, p. 1.

ANNESS

Fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 1898/2006, il-punti 1, 2 u 3 jinbidlu bit-test li ġej:

"1. IS-SIMBOLI KOMUNITARJI BIL-KULUR JEW BL-ISWED U BL-ABJAD

Fejn jintużaw bil-kulur, jistgħu jintużaw kuluri diretti (Pantone) jew il-proċess ta' erba' kuluri. Il-kuluri ta' referenza huma indikati hawn taħt.

Simbolu Komunitarju għad-'Denominazzjoni Protetta ta' l-Oriġini' bil-Pantone



Pantone © 711

Pantone © Yellow 109

Simbolu Komunitarju għal 'Indikazzjoni Ġeografika Protetta' bil-Pantone



Pantone © Reflex Blue

Pantone © Yellow 109

Is-simboli Komunitarji fil-proċess ta' erba' kuluri

Simbolu Komunitarju għad-'Denominazzjoni Protetta ta' l-Oriġini' b'erba' kuluri



100 % magenta
80 % yellow

10 % magenta
90 % yellow

Simbolu Komunitarju għal 'Indikazzjoni Ġeografika Protetta' b'erba' kuluri:



100 % cyan
80 % magenta


10 % magenta
90 % yellow

Is-simboli Komunitarji bl-abjad u bl-iswed



2. IS-SIMBOLI KOMUNITARJI FIN-NEGATTIV

Jekk il-kulur ta' l-isfond ta' l-imballaġġ jew tat-tikketta huwa skur, is-simboli jistgħu jintużaw fil-format negattiv, billi jintuża l-kulur ta' l-isfond ta' l-imballaġġ jew tat-tikketta.



3. KUNTRAST MAL-KULURI TA' L-ISFOND

Jekk simbolu jintuża bil-kulur fuq sfond bil-kulur li jagħmlu diffiċli biex jintgħaraf, għandu jintuża ċirku estern ta' delinjazzjoni madwar is-simbolu sabiex jittejjeb il-kuntrast mal-kuluri fl-isfond.

Simbolu Komunitarju għad-'Denominazzjoni Protetta ta' l-Oriġini'



Simbolu Komunitarju għal 'Indikazzjoni Ġeografika Protetta'



"